# FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**Gudikatur: Dr. Philip M. Magri LL.D; M.A. (Fin.Serv); M.Phil (Melit)**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha, 15 ta' Marzu, 2017**

**Talba Nru: 79/2017 PM1**

**Bilven Limited**
**(C 68547)**

**Vs**

**PKR's Construction Co. Ltd. (C62237)**
**Peter Caruana (ID Nru. 444780(M))**
**Katia Carmen Caruana (ID Nru. 348881(M))**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fis-6 ta' Frar, elfejn u sbatax (2017) permezz ta' liema s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom jigu kkundannati jhallsu lill-istess kumpannija attrici s-somma ta' erbat elef, u tlett Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4003.75) rapprezentanti l-prezz tal-materjal tal-kostruzzjoni li gie mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenuti mill-kumpannija attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru

50/2017 tat-13 ta' Jannar, 2017 u bl-imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuti ingunti in subizzjoni.

Ra d-dokumenti annessi mal-istess avviz a sostenn tat-talba.

Illi l-konvenut gie debitament ingunt in subizzjoni.

**Ikkunsidra**

Illi mill-atti jirrizulta li s-socjeta' intimata gie debitament notifikata imma naqset milli tipprezenta risposta.

Illi waqt is-seduta tat-Tnejn, 13 ta' Marzu, 2017 deher l-intimat Peter Caruana debitament assistit li f'ismu u f'isem martu l-intimata Katia Carmen Caruana taha ruhu b'notifikat bit-talba u bl-avviz tas-smiegh u kemm f'ismu proprju u kif ukoll f'isem il-bqija tal-intimati iddikjara illi t-talba kif dedotta kienet qed tigi ammessa.

Illi l-intimati konjugi Caruana jirrizultaw li huma diretturi tas-socjeta' intimata PKR's Construction Co. Ltd u li l-istess konjugi jirrisjedu fl-istess indirizz.

Illi l-kawza giet differita ghas-sentenza in vista ta' tali ammissjoni da parti tal-intimat f'ismu u f'isem il-bqija tal-intimati ghas-seduta tal-lum.

Ghaldaqstant, in vista tal-ammissjoni surreferita, it-Tribunal jilqa' it-talba u jikkundanna lill-konvenuti flimkien u in solidum bejniethom sabiex ihallsu lill-istess kumpannija attrici s-somma ta' erbat elef, u tlett Ewro u hamsa u sebghin centezmu (€4003.75) rapprezentanti l-prezz tal-materjal tal-kostruzzjoni li gie mibjugh u kkonsenjat lill-istess konvenuti mill-kumpannija attrici fuq l-inkarigu u ghall-beneficcju taghhom, bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 50/2017 tat-13 ta' Jannar, 2017 u bl-

imghaxijiet dekorribbli mid-data ta' kull konsenja sad-data tal-pagament effettiv kontra l-istess konvenuti.

**Avukat Dr. Philip M. Magri LL.D. M.A. (Fin. Serv.) M.Phil.**

**Gudikatur**